MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2012

Appell Kriminali Numru. 343/2010

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Ludvic Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 167476M] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli:

F’dawn il-Gzejjer, f’Lulju 2009 jew fix-xhur u s-snin ta’ qabel, ikkorrompa lil Nigel John Abela, ufficjal fid-Dipartiment tal-VAT, u dan sabiex Nigel John Abela jonqos li jaghmel dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b’mezz ta’ rigali, weghdiet, jew b’xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifici foloz, jew billi nqdew b’qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b’ohra sabiex igieghlu titwemmen lezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu

tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu ta' l-ewro (€2329.37) ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta;

U aktar talli b'hekk ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati b'sentenza taghha ta' nhar l-14 ta' Mejju 2008, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-13 ta' Lulju, 2010 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 18, 28B, 42, 115(b)(c), 308, 309, u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, sabet lil-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ikkundannatu tmintax il-xahar prigunerija. B'applikazzjoni ta'l-artikolu 28B(2) ta'l-imsemmi Kapitolu 9, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, l-Qorti qed taghzel li ma ddahhalx is-sentenza mghotija f'l-14 ta' Mejju 2008 fis-sehh imma qed titratta mal-hati billi tibdel l-ordni originali fis-sens li qed testendi l- perjodu operattiv ghal perjodu iehor ta' erbgha snin millllum.

In oltre l-Qorti ordnat ukoll fil-konfront ta' l-imputat l-interdizzjoni generali perpetwa u ghal dan il-ghan tordna li, a karigu tar-Registratur ta' din il-Qorti, is-sentenza tigi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern.

In konkluzzjoni l-Qorti ordnat lill-imputat ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' €1086.04 rapprezentanti spejjez in konessjoni mal-hatra ta' esperti; il-hlas ghandu jsir fi zmien sena mid-data tas-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-23 ta' Lulju, 2010 fejn talab li din l-Onorabbli Qorti jogghobha tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonfermaha fejn l-appelant instab hati tal-akkuzi hekk kif migjuba kontra tieghu, tikkonfermaha wkoll fil-parti fejn b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28B(2) ta' l-imsemmi Kapitolu 9, l-Qorti ghazlet li ma ddahhalx is-sentenza mghotija fl-14 ta' Mejju, 2008 fis-sehh, imma trattat mal-hati billi bidlet l-ordni originali fis-sens li estendiet il-perjodu operattiv ghal-perjodu iehor ta'

erbgha snin mid-data tas-sentenza, fil-waqt li thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn l-imsemmi Ludvic Camilleri gie kundannat tmintax il-xahar prigunerija effettivi kif ukoll ghall-interdizzjoni generali perpetwa, flimkien mal-kundanna ghall-hlas tal-ispejjez tal-hatra tal-esperi u minflok tinfliggi l-piena aktar mita u idonea skond ic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz u taht dawk il-provedimenti li dina l-Onorabbli Qorti jidhrula xierqa u opportuni.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Illi qed jigi sottomess li mhux qed tigi kkontestata s-sejbien ta’ htija fuq l-akkuzi kollha hekk kif deciz mill-ewwel Qorti;

Illi ghaldaqstant, l-aggravji mertu ta’ dan l-appell huma limitati strettament fuq il-piena mposta mill-Ewwel Qorti;

Illi fl-umli fehma tal-appellant, il-piena kienet wahda manifestament eccessiva u mhux idonea;

Illi f’dan ir-rigward, kien hemm diversi sentenzi, kemm tal-Qorti tal-Magistrati, kif ukoll tal-Qorti tal-Appell Kriminali fejn gew imposti pieni ferm aktar miti f’ kazijiet kwazi identici ghall-kaz mertu ta’ dan l-appell;

Illi l-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, fil-kaz fl-ismijiet ‘Pulizija vs Adrian Debono’ deciza nhar il-11 ta’ Jannar, 2010, wara ammissjoni tal-imputat, ikkundannatu ghall-piena ta’ disa` xhur prigunerija effettiva, fuq reati li huma kwazi identici ghall-dan il-kaz;

Inoltre, is-sentneza imsemmija giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-16 ta; Frar, 2010, fejn din l-Onorabbli Qorti innutat li l-piena minima ghar-reati ta’ korruzjoni ta’ ufficcjal pubbliku kienet ta’ disa’ xhur prigunerija, izda fi kwalunkwe kaz l-Avukat Generali m’appellax minn din is-sentenza;

Illi fl-istess sentenza din il-Qorti innutat ukoll li  “tista’ tghid fiz-zgur hu illi kieku l-appellant ma ammettiex mill-ewwel, il-piena kienet tkun ferm ghola”.

Illi qed jigi sottomess illi l-ammissjoni bikrija tal-imputat fil-kaz odjern, kellha ssarraf f’piena ferm aktar mita milli fil-fatt imponiet l-Ewwel Qorti.

Illi ssir referenza ghall-kaz fl-ismijet ‘Il-Pulizija vs Maurice Agius’ deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-13 ta’ Novembru, 2009 fejn l-imsemmija Qorti ikkonfermat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta’ kundanna ta’ piena ta’ hdax il-xahar prigunerija sospizi ghal-tlett snin;

Illi dan il-kaz ukoll jikkoncerna tixhim fil-konfront ta’ ufficjal pubbliku fi hdan id-Dipartiment tal-VAT u ghaldaqstant l-akkuzi huma kwazi identitci ghal kaz odjern;

Illi l-Avukat Generali appella mis-sentenza tal-Ewwel Qorti bl-aggravju principali jkun illi l-piena kellha tkun wahda ta’ habs effettiv u mhux sospiz;

Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali ma qablitx mas-sottomissjonijiet tal-Avukat Generali u kkonfermat il-piena ta’ hdax il-xahar prigunerija sospizi ghal-tlett snin;

Illi din l-Onorabbli Qorti fil-kaz imsemmi, irriteniet illi “meta jkun hemm koperazzjoni u, per di più, ammissjoni bikrija, specjalment minn min ikun kixef lil haddiehor li jkun aktar qrib ic-centru tal-ghandqbuta, tali koperazzjoni ghandha tircievi xi forma ta’ rikonoxximent fis-sentenza li tinghata”.

Illi din l-Onorabbli Qorti kompliet tghid illi l-ko-operazzjoni mal-Pulizija u l-ammissjoni bikrija “seta’ jiggustifika is-sospenzjoni tal-piena ta’ prigunerija mill-Qorti Inferjuri”.

Illi l-Qorti tal-Appell kompliet tinnota illi “tghamel differenza wkoll min ikun gie korrott u minn min, kif ukoll min ikun ha l-inizjattiva, ir-reiterazzjoni tal-att ta’ korruzzjoni, il-konsegwenzi finanazjarji, socjali u xort’ ohra derivanti minn dak l-att jew minn dawk l-atti, u jekk dak li jkun ikunx

ha passi biex jirrimedja jew jipprova jirrimedja ghall-hsara li jkun ghamel jew li jkun ipprova jaghmel”.

Illi fl-ahharnett il-Qorti tal-Appell issottolineat li “sentenza ta’ prigunerija sospiza mhix, kif jahsbu xi whud, a let off jew semplicemement a slap on the hand. Min ikun gie kkundannat ghal-piena ta’ prigunerija sospiza jrid ikun, matul il-perjodu operattiv taghha, kif jghid il-Malti, ‘imqaru mqarben’, ghax appena huwa, matul dak il-periodu, jikkommetti xi reat iehor li ghalih hemm stabbilita piena ta’ prigunerija, meta jinsab hati ta’ dak ir-reat l-iehor tigi attivata l-iena ta’ prigunerija li tkun giet hekk sospiza, u dak li jkun ikollu allura jibda jiskontaha. Issa, dil-kaz tad-diversi taxpayers imsemmi hawn fuq f’din is-sentenza, dawn ghandhom jiftakru li anke l-ligi tal-VAT stess – cioe` l-Kap 406 – tipprovdi ghal-piena ta’prigunerija fil-kaz ta’ xi reati kontemplati f’dik l-istess ligi. Anke reati bhal dak ta’ sewqan traskurat jew perikoluz (li huwa reat doluz – huma biss il-konsegwenzi ta’ dak ir-reat li talvolta jistghu jammontaw ghal reat kolpuz) igorr mieghu il-piena ta’ prigunerija, b’mod li allura jkun hemm l-attivazzjoni tas-sentenza ta’ prigunerija sospiza”.

Illi inoltre, bhal fil-kaz kontra Maurice Agius, l-appellant fil-kaz odjern ma ghamel l-ebda gwadann mir-reati tieghu u dan gie nnutat ukoll minn din l-Onorabbli Qorti fil-kaz ta’ Maurice Agius fejn gie nnutat illi “fl-ahharnett din il-Qorti terga` ttenni li fil-kaz tal-appellanti li huma taxpayers (u msemmija aktar ‘l fuq, cioe` l-appellati kollha ad eccezzjoni ta’ Deguara u ta’ Jesmond Abela) dawn fil-verita` fl-ahhar mill-ahhar ma ggwadajaw xejn. Teknikament kien hemm it-truffa ghar-raguni aktar l’fuq spjegata, pero` llum dawn xorta ghad ghandhom ihallsu l-VAT kollha dovuta”.

Illi ghall-istess konsiderazzjonijiet issir referenza ghas-sentenzi fl-ismijiet: ‘Pulizija vs Gregory Paul Brincat’, ‘Pulizija vs Carmel Deguara’, ‘Pulizija vs Neville Mula`’, ‘Pulizija vs Emmanuele sive Jesmond Abela’, ‘Pulizija vs Sebastian Bonnici’ u ‘Pulizija vs Anthony Migneco’, ilkoll decizi mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-13 ta’ Novembru, 2009;

Illi f'dawn il-kazijiet kollha imsemmija, l-Ewwel Qorti ikkundannat l-imputati ghall-pieni ta' prigunerija li kienu sospizi u dan ghal-reati identici ghall-kaz odjern;

Illi ghaldaqstant, f'dan ir-rigward, l-appellant qieghed umilment jissottometti illi fl-ewwel lok il-piena erogata ta' tmintax il-xahar prigunerija kienet mhux biss eccessiva per se, izda kien ikun aktar gust li kieku l-piena kienet wahda ta' prigunerija sospiza u dan ghar-ragunijiet esposti f' dan l-appell.

Ikkunsidrat,

Illi l-fatti kif esposti mill-appellant fir-rikors tieghu huma korrretti u cioe' illi kellu jaghti ammonti lid-Dipartimet tat-Taxxa fuq il-Valur mizjud u thabbeb ma Nigel Abela, skrivan fid-Dipartiment, u wasal ghall-arrangament biex l-ammonti dovuti lid-Dipartiment jigu kancellati. Fil-fatt tramite Abela gew prezentati zewg denunzji tal-VAT f'isem l-appellant li permezz taghhom irrizulta kreditu fittizziju favur l-appellant fis-somma ta' €70,519.52. L-intenzjoni kienet illi dan l-ammont jigi utilizzat biex jaqta' dak l-ammont illi kellu jithallas lid-Dipartiment u l-bilanc jithallas lill-appellant bhala refund. Pero' dan l-ammont inghata lill-ufficjal Abela msemmi. Bhala rizultat ta' l-investigazzjoni li waslet ghall- proceduri odjerna r-refund ma lahaqx thallas lill-appellant u t-tpacija li kienet saret giet revokata. Sar ukoll ezercizzju mid-Dipartiment koncernat u rrizulta llum l-appellant mhux ghandu jithallas mid-Dipartiment, imma ghandu jaghti €20,911.05.

Ikkunsidrat.

Illi l-appellant mhuwiex qieghed jilmenta dwar id-dikjarazzjoni ta' htija. Dana 'l ghaliex ammetta l-akkuzi fil-bidu ta' dawn il-proceduri pero' dehrlu illi l-piena nflitta ta' tmintax (18) –il xahar prigunerija kienet esegerata, aktar u aktar meta tqis illi l-appellant ma gawda xejn minn din l-operazjoni. Terga u tghid illum l-appellant jinstab fi stadju ta' rijabilitazzjoni peress illi kien qed ibaghti mill-vizzju tad-

droga u tkun hasra illi f'dan l-istadju tibghatu l-habs. In sostenn ta' dan l-argument l-appellant gab lil Jean Cali bhala rapprezentant tal-Caritas illi qalet illi ilha taf lill-appellant minn Settembru ta' l-elfejn u disgha (2009). Kien ghamel xi perjodu San Blas u issa qed izomm kuntatt maghha, ghandu xoghol regolari u ghandu wkoll tifla. Iddikjarat illi llum l-appellant jinstab "clean". Qabel Settembru ta' l-elfejn u disgha (2009) kien jabbuza mid-droga bil-konsegwenza li dina gabitu f'dan l-inkwiet.

Ikkunsidrat.
Filwaqt li din il-Qorti tawgura illi l-appellant ikompli fit-triq it-tajba illi jghid illi qabad, din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi l-ewwel Qorti kkunsidrat dawn il-fatturi meta giet biex taghti s-Sentenza taghha. Qieset ukoll ir-rapport ta' l-Ufficjal tal-Probation u l-pre Sentencing report in segwitu ghas-Social Inquiry Report illi kien sar fuq talba ta' l-istess appellant u ddikjarat car u tond illi r-rakkomandazzjonijiet hemm kontenuti bilfors riedu jittiehdu in konsiderazzjoni fid-decizjoni dwar il-piena li kellha tinghata fil-konfront ta' l-appellant.

L-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt illi l-appellant kien donnu indeciz kellux jehles minn dan il-vizzju tad-droga jew le. Kemm 'il darba beda programm u gie sospiz peress illi huwa ma jkunx irid joqghod ghar-regolamenti ta' l-Agenzija u kien biss wara li bdiet din il-kawza illi l-appellant rega mar ifittex l-ghajnuna tal-Caritas. Jidher li l-ewwel xhur kollox mexa sew, pero' f'Mejju ta' l-elfejn u ghaxra (2010) l-appellant gie sospiz mill-programm residenzjali ghax ma qaghadx ghar-regoli tal-programm. Fis-Sentenza taghha l-Qorti qalet "illum huwa pero' zamm kuntatt mal-Key Worker tieghu u ma jidhirx illi qieghed jabbuza minn sustanzi lleciti." L-istess dikjarazzoni illi ghamlet Jean Cali quddiem din il-Qorti waqt is-smieh tat-trattazzjoni ta' l-appell.

Din il-Qorti taqbel ma l-konkluzjoni milhuqa mill-ewwel Qorti meta qalet ". . . tenut kont tas-serjeta tar-reati li gew kommessi kif ukoll tal-fatt illi l-imputat ma hu qed jaghmel l-ebda sforz kwalunkwe biex jirregolarizza l-pozizzjoni tieghu mad-Dipertiment tal-VAT, il-Qorti hija tal-fehma illi l-

unika triq li ghandha hija dik li timponi piena karcerarja effettiva”. L-ewwel Qorti pero’ ma kienetx aversa ghal fatt illi f’dan l-istadju l-appellant kien donnu qed jipprova jehles minn dan il-vizzju illi ghandu. Tant illi meta kkunsidrat il-piena, ddikjarat illi din kellha tkun aktar vicin il-minimu u fil-fatt hekk ghamlet. Ghal dak li jirrigwardja l-piena, l-principju regolatru hu li mhux normali li tigi disturbata d-deskrizzjoni ta’ l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-paremetri tal-Ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika illi kellha tkun anqas min dak li tkun fil-fatt (Repubblika vs David Vella 14 ta’ Gunju, 1999 u ohrajn.) Ma hemmx dubju illi l-piena nflitta tidhol fil-parametri tal-Ligi u ghalhekk mhux il-kaz illi tenut ic-cirkostanzi partikolari ta’ din il-kawza illi din il-piena tigi disturbata.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta’ u iddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------